MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 288/2011

**Maria Rema Camilleri Azzopardi**

**Vs**

**Miriam Zammit**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tlett elef disa' mija u tnejn u ghoxrin Ewro u centezmu (€3,922.01c), minnha dovuta in konnessjoni mas-servizzi ta' ilma w elettriku fil-fond 1, St. Mary Street, M'Skala, waqt l-okkupazzjoni taghha tal-istess fond.

Bl-imghax legali mill-1 t'Awwissu, 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Awwissu 2011, kontra l-intimata, li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta ta’ Miriam Zammit fejn esponiet illi:

1. Illi l-esponenti qieghda tikkontesta t-talba ghal hlas ghax l-ammont mitlub m’huwiex dovut kollha minnha;
2. Illi l-esponenti lesta thallas dak li huwa dovut minnha pero’ dan ghandu jigi determinat.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Jannar 2014 fejn cahdet ir-rikors tal-konvenuta tal-14 ta’ Ottubru 2013, fejn talbet li tigi awtorizzata tipprezenta f’dak l-istadju eccezzjoni ulterjuri, u cioe li din il-Qorti hija nkompetenti li tiddeciedi din il-kawza *ratione materiae.*

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza mhux kontestati:

1. Bi skrittura tal-24 ta’ Frar 2009, l-attrici kienet kriet lill-konvenuta l-fond 1, Saint Mary Street, Marsascala. Fost il-kondizzjonijiet f’din il-lokazzjoni, kien hemm li l-konvenuta thallas il-kontijiet ghall-kera u konsum tad-dawl u ilma;[1]
2. Il-kirja bdiet b’effett mill-1 ta’ Marzu 2009 u l-konvenuta telqet mill-fond matul Dicembru 2010.
3. Fl-1 ta’ Dicembru 2010, il-konvenuta ghamlet dikjarazzjoni guramentata fejn iddikjarat li l-ahhar kont tad-dawl u ilma datat 10 ta’ Gunju 2010 kien ghadu ma thallasx minnha u obbligat ruhha li thallas ghall-kontijiet kollha tad-dawl u ilma sakemm tigi terminata l-kirja mhux iktar tard mis-17 ta’ Dicembru 2010.[2]
4. F’dokument mhux datat u iffirmat mill-konvenuta, il-konvenuta ddikjarat x’kienu r-*readings* tad-dawl u ilma

[1] Ara Dok MCA 1 a fol. 13 *et seq.* tal-process.
[2] Ara Dok MCA 2 a fol. 17 tal-process.

meta hija telqet mill-fond mikri lilha u ddikjarat *"I owe Mrs. Maria Rema Camilleri Azzopardi … … the amount of €3922.01c in conjunction with water and electricity bills which were never paid when I was a tenant in the above mention property."*[3]

5. Il-kontijiet relattivi tad-dawl u ilma thallsu mill-attrici.

6. Il-konvenuta issa qieghda tirrifjuta li tirrifondi lill-attrici l-flus tal-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma.

## Konsiderazzjonijiet Legali

Il-konvenuta ffirmat dikjarazzjoni fejn irrikonoxxiet li hija debitrici tal-attrici fl-ammont mitlub permezz tal-proceduri odjerni, u dan ghall-kontijiet tad-dawl u ilma kkunsmati meta hija kienet inkwilina tal-fond mikri minghand l-attrici. Fix-xhieda taghha tikkonferma illi l-firma hija taghha.

Il-konvenuta tallega li hija ffirmat din id-dikjarazzjoni waqt li hija kienet l-isptar fit-taqsima tal-Emergenza, u r-ragel tal-attrici mar l-emergenza u qalilha biex tiffirma dik il-karta u hija ffirmata, minghajr ma qratha.  Skont ix-xhieda tar-ragel tal-attrici, Wayne Camilleri, il-konvenuta marret biex tiffirma din d-dikjarazzjoni d-dar taghhom.   Pero, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss - il-konvenuta iffirmat fic-cirkostanzi li ddeskriviet hi, xorta jibqa' l-fatt li anki mix-xhieda taghha stess ma jirrizultax li Wayne Camilleri pprekludiha milli taqra d-dikjarazzjoni qabel tiffirmaha, u ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuta hadet xi passi gudizzjarji sabiex tattakka l-validita ta' dik l-iskrittura minhabba xi allegat vizzju tal-kunsens.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-konvenuta kienet taf x'qed tiffirma u ghazlet li tiffirma l-iskrittura xorta wahda, u konsegwentement, il-konvenuta hija marbuta bl-obbligi minnha rikonoxxuti f'dik d-dikjarazzjoni.

## Konkluzjoni

[3] Ara Dok MCA 3 a fol. 18 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qed tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elef disa’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u centezmu (€3,922.01c), bl-imghax legali mill-1 t’Awwissu, 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Awwissu 2011, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------